MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 47/2011

**Joseph u Doris konjugi Baldacchino**

***kontra***

**Alladin sive Alex Holbie (ID 35069A)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-<u>18 ta` Jannar 2011</u> li jaqra hekk –

*1. Illi l-atturi kienu bieghu lill-konvenut vettura tal-marka Ford Escort vann bin-numru ta` registrazzjoni*

*HAS313 u dan ghall-prezz ta` Lm1,900 illum €4,425.81 u dan madwar erba` snin ilu.*

*2. Illi l-vann in kwistjoni kien gie kkonsenjat lill-konvenut.*

*3. Illi l-attur kien iffirma d-dokumenti relattivi u hallihom f`idejn il-konvenut sabiex dan jaghmel it-transfer relattiv ghal fuq ismu ma` l-awtoritajiet.*

*4. Illi dan nonostante l-vann in kwistjoni ghadu jghajjat lill-attur.*

*5. Illi b`konsegwenza ta` dan u fil-frattemp il-konvenut wehel xi multi liema multi qeghdin allura jghajjtu lill-atturi.*

*6. Illi dan nonostante l-konvenut qieghed jirrifjuta li jersaq ghat-transfer relattiv u jhallas il-multi relattivi.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha –*

*i) Tiddikjara illi l-vann Ford Escort bin-numru ta` registrazzjoni HAS313 inbiegh lill-konvenut fis-7 ta` Awissu 2008.*

*ii) Tiddikjara illi mis-7 ta` Awissu 2008 sa llum hemm ammont dovut lill-awtoritajiet minhabba multi li gew inflitti fuq il-vann in kwistjoni, liema multi gew inflitti fuq il-konvenut pero` jghajjtu lill-atturi.*

*iii) Tiddikjara konsegwentement illi l-atturi sofrew danni.*

*iv) Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi.*

*v) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.*

*vi) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jersaq ghat-transfer relattiv fuq il-vann in kwistjoni f`data, hin u lok li joghgobha tiffissa din il-Qorti.*

*vii) Tinnomina kuraturi deputati biex jirrappresentaw il-kontumacja tal-konvenut.*

*Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta` Frar 2011, fejn iddikjarat illi ma kenitx sejra tiehu aktar konjizzjoni ta` rikors li l-atturi pprezentaw fit-18 ta` Jannar 2011 meta talbu s-smigh bl-urgenza tar-rikors guramentat. Hekk sar wara li l-atturi pprezentaw nota ta` cessjoni tar-rikors fejn talbu s-smigh bl-urgenza.

Rat illi ghalkemm il-konvenut kien notifikat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bir-rikors guramentat, huwa ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk baqa` kontumaci.

Semghet ix-xiehda tal-attur fl-udjenza tat-2 ta` Frar 2012.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**<u>L-attur</u>** xehed illi huwa kien is-sid ta` van Ford Escort Nru. HAS 313. Dan il-van kien bil-hsara. Ghalhekk ma kienx jintuza. Darba minnhom gie l-konvenut li qal lill-attur illi ried jixtri dak il-van. L-attur qal lill-konvenut illi l-van kellu l-hsara u li kellu l-licenzji b`lura. Il-konvenut accetta illi jirranga kollox hu. L-attur accetta li jbiegh lill-konvenut. Fuq il-kotba, il-vettura kellha valur ta` Lm1800. Il-konvenut ried ihallas billi jaghti karozza lill-attur, ihallas tal-hsara hu, jaghti tac-citazzjonijiet u jhallas fi flus id-differenza. L-attur accetta u sar ftehim bil-miktub.

**<u>L-attur</u>** kompla jixhed illi wara xi zmien bdew icemplulu l-pulizija. Ghax ghalkemm kien hem mil-ftehim bil-miktub, il-vettura kienet ghadha registrata f`isem l-attur. Billi l-attur rcieva citazzjoni mill-pulizija biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati, huwa pprezenta din il-kawza biex is-sitwazzjoni tigi regolarizzata.

**<u>L-attur</u>** ippreciza illi wara li sar il-ftehim mal-konvenut, dan tal-ahhar ha l-van, u l-attur ma rahx aktar. Hekk kif ha l-van, l-attur ighid illi kien hemm l-intiza mal-konvenut illi dan jsewwi l-magna (li kienet bil-hsara), imbaghad itella` l-vettura ghall-VRT sabiex tkun licenzjata ghat-triq. Hekk kif il-konvenut l-vettura in konsenja, l-attur tah il-logbook taghha bil-firma tieghu bhala bejjiegh. Min-naha tieghu, il-konvenut kellu jgib il-vettura tajba ghat-triq. Il-konvenut kellu jhallas ukoll il-multi. U jiffirma l-parti tieghu tat-transfer. Min-naha tieghu u mill-mument illi ha l-konsenja tal-vettura, il-konvenut baqa` ma giex regolari mal-awtoritajiet li min-naha taghhom kienet qeghdin

jipprosegwixxu lill-attur ghax il-vettura kienet ghadha registrata f`ismu.

Kienet esebita mill-attrici bil-gurament vera kopja tal-iskrittura datata **7 ta` Awissu 2008** li hija markata bhala **DOK DB1** u li ghaliha saret riferenza mill-attur fid-deposizzjoni tieghu. L-iskrittura taqra hekk –

*Received the sum of Lm200 (€466) in full and final settlement of van HAS 313, being sold tale quale, including all dues to third parties. Declaring that with the Lm200 (€465) we are receiving Skoda station wagon tale quale. However with no dues to third parties.*

Apparti zewg firem, aktar 'l isfel fl-iskrittura, hemm *account* bid-dettalji segwenti –

*Value of van*
*Lm1900*
*Less fines to be paid by client*
*Lm1200*
*Less to be paid to* (kelma li ma tingharafx) + *interest Lm 275*
*Paid by cash*
*Lm 200*
*Value of Skoda*
*Lm225*
*Balance* *NIL*

**Brian Farrugia** mill-Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta ipprezenta prospett bi storja shiha tal-vettura HAS 313 li kien market **DOK ADT1**. Il-vettura, illi hija van Ford Escort, hija registrata f`isem l-attur Joseph Baldacchino ta` Kelina, Block A Flat 6, Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Nadur, K.I. Nru. 0330251M). Kienet registrata ghall-ewwel darba fis-7 ta` Awissu 1995. L-ahhar *change of owner* notifikata lill-Awtorita` saret fl-20 ta` Lulju 1999. L-ahhar licenzja mhallsa kienet dik li kienet tkopri sal-31 ta` Awissu 2004. Sat-12 ta` April 2012, kienu dovuti fuq il-

vettura hlasijiet ghal kontravvenzjonijiet fl-ammont ta` €2830.92. L-ewwel kontravvenzjoni li hemm registrata fil-prospett harget fil-25 ta` Frar 2004 u l-ahhar wahda fl-24 ta` Ottubru 2008. Maghhom kienu dovuti penalijiet skond l-Avviz Legali 198 tal-2009.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Irrizulta illi bejn il-partijiet sar bejgh tal-vettura van Ford Escort Nru. HAS 313. Il-**<u>prova</u>** ta` dan il-bejgh ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi hija l-iskrittura DOK DB1 datata 7 ta` Awissu 2008. L-attur ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-iskrittura ggib il-firma tieghu u tal-konvenut. Fl-iskrittura jirrizulta kjarament illi kienet il-vettura de qua illi kienet qeghda tinbiegh kif ukoll jirrizulta x`kien il-korrispettiv. Kien patwit illi l-prezz tal-van, li l-konvenut akkwista, u li kien stmat mill-partijiet illi jiswa Lm1900, kien sejjer jithallas billi l-attur jircievi minghand il-konvenut vettura Skoda *station wagon* li kienet stmata illi tiswa Lm225 u Lm200 fi flus waqt li l-bilanc konsistenti minn multi u hlasijiet ohra versu terzi li kien hemm diga` akkumulati fuq il-van jithallsu direttament mill-konvenut. Fl-iskrittura, inghad car *however with no dues to third parties.*

Irrizulta li l-attur iffirma l-parti tieghu tat-*transfer*. Ma jirrizultax illi sar l-istess mill-konvenut ghaliex minkejja l-iskrittura DOK DB1 il-vettura baqghet registrata f`isem l-attur, u hekk ghadha sal-lum. Il-konsegwenza ta` dan kollu hija li wara s-7 ta` Awissu 2008 il-vettura ghaddiet mhux biss *ex lege* izda anke materjalment fil-pussess tal-konvenut, kif ikkonferma l-attur. Jidher illi anke l-*logbook* taghha hadu l-konvenut. U l-vettura baqghet ma gietx trasferita f`isem il-konvenut tort tal-inadempjenzi tal-istess konvenut. Gara illi l-multi li l-konvenut kien accetta illi

jhallas baqghu ma thallsux, multi illi rrizulta li sat-12 ta` April 2012 kienu jammontaw ghal **€2830.92**.

Inoltre **wara** li sar il-bejgh, il-konvenut inkorra penali li bla dubbju jrid ikun hu u hu biss illi jaghmel tajjeb ghalihom. Din il-Qorti qeghda taghmel riferenza ghall-**Avviz Legali 168 tal-2009** (kif emendat). Bis-sahha ta` din il-legislazzjoni, b`effett mill-1 ta` Ottubru 2009 sal-14 ta` Novembru 2011, kellha tithallas penali ta` €2 kuljum ghax it-*transfer* baqa` ma sarx. B`effett mill-15 ta` Novembru 2011, il-penali telghet ghal €10 fix-xahar b`*capping* massimu ta` €100. Dan ifisser illi sal-14 ta` Novembru 2011 kien hemm kumulu ta` penali ta` €820. U mill-15 ta` Novembru 2011 sal-lum, akkumulaw penali ta` €70. B`kollox - **€890**.

Kien ghaliex l-attur kien qieghed jigi rinfaccjat b`infrazzjonijiet vis-a-vis l-awtoritajiet kompetenti frott tal-inadempjenzi tal-konvenut illi saret din il-kawza sabiex tigi regolarizzata l-posizzjoni tieghu b`decizjoni tal-qorti.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u fil-kontumacja tal-konvenut, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici.**

**Tilqa` r-raba` talba u tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont ta` tlitt elef seba` mija u ghoxrin Ewro tnejn u disghin centezmu (€3720.92) konsistenti f`multi, penali u hlasijiet ohra sal-lum li l-hlas taghhom kien a kariku jew responsabilita` tal-konvenut, u li l-istess konvenut baqa` ma hallasx.**

**Tilqa` l-hames talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi is-somma ta` tlitt elef seba` mija u ghoxrin Ewro tnejn u disghin centezmu (€3720.92) hekk likwidata in linea ta` danni, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tilqa` s-sitt talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex nhar il-Gimgha 6 ta` Lulju 2012 fil-11.00 a.m. jersaq sabiex isir it-*transfer* tal-vettura Ford Escort Nru. HAS 313 minn isem l-attur ghal isem il-konvenut.**

**Ghall-fini ta` din is-sitt talba, tordna illi dan it-*transfer* isir gewwa Hornworks Ditch, Floriana, fid-"*Driving and Testing Unit*", illi jaghmel parti mid-Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art, tal-Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta.**

**Tilqa` s-seba` talba u tahtar lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici bhala kuratur sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci ghall-fini tat-*transfer* tal-vettura Ford Escort Nru. HAS 313 minn isem l-attur ghal fuq isem il-konvenut**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------